GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| PR221263 | 29.09.2022 | 3 |
|---|---|---|

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ombudsman jippreżenta l-Ombudsplan 2023 lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia laqa' fl-uffiċċju tiegħu lill-Ombudsman Anthony C. Mifsud, li ppreżentalu l-Ombudsplan għas-sena 2023 skont kif provdut fl-Att tal-1995 dwar l-Ombudsman.

Dan id-dokument jagħti rendikont finanzjarju ta' din l-istituzzjoni għas-sena 2022 u estimu ta' nefqa għas-sena 2023, jindika l-attivitajiet maħsuba għas-sena 2023 u jitratta wkoll materji li fl-opinjoni tal-Ombudsman jistgħu jgħinu biex dejjem titjieb l-amministrazzjoni pubblika.

L-Ispeaker se jqiegħed kopja tal-Ombudsplan 2023 fuq il-Mejda tal-Kamra mal-ewwel opportunità sabiex wara jkun jista' jiġi diskuss fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra u sussegwentament jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.